MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 239/2005

Edward Attard Montalto I.D 648060M, Patricia mart Thomas Agius Vadala, I.D 86759M, Victoria mart Avukat Dottor David Grech I.D 448062M, u l-imsemmijin Patricia mart Thomas Agius Vadala u Victoria mart Avukat Dottor David Grech ukoll bhala mandatarji tal-imsiefra Deborah Attard Montalto I.D 349766M.

Vs

John Degiorgio I.D 844534M

Illum 31 ta' Ottubru, 2005

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors ta' Edward Attard Montalto I.D 648060M, Patricia mart Thomas Agius Vadala, I.D 86759M, Victoria mart Avukat Dottor David Grech I.D 448062M, u l-imsemmijin Patricia mart Thomas Agius Vadala u Victoria mart Avukat Dottor David Grech ukoll bhala mandatarji

tal-imsiefra Deborah Attard Montalto I.D 349766M fejn gie premess: -

Illi b' sentenza fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dott Philip Attard Montalto vs John Degiorgio, citazz Nru 1442/94JSP, moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru elf disgha mija erbgha u disghin (1994), il-konvenut John Degiorgio fuq ammissjoni tieghu gie kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn u hames mitt Lira (LM2500), bl-imghaxijiet mill-25 ta' Ottubru 1994, u bl-ispejjez. Kopja tas-sentenza msemmija, u citazzjoni relattiva, huma ezebiti u mmarkati bhala "Dok A".

Illi mill-ammont dovut, il-konvenut hallas biss elf Lira (LM 1,000) b' zewg pagamenti ta' Lm500 kull wiehed, u cioe fil-25 ta' Gunju 1997 akkont ta' mghax, u fid-9 ta' Lulju 1997, akkont tal-imghax u capital, kif jidher mill-anness prospett immarkat bhala "DokB".

Illi ghalhekk, il-kapital li ghadu dovut huwa elfejn u wiehed u erbghin lira u erba' u erbghin centezmi (LM2041.44), u l-imghaxijiet dovuti mill-25 ta' Ottubru 1994 sal-10 ta' Marzu 2005, b' rata annwali ta' imghax ta' tmienja fil-mija (8%) huma elf u disa u tmenin lira u tmien cetezmi (LM1089.08), dawn flimkien jammontaw ghal tlett elef wiehed u tletin lira u tnejn u hamsin centzmu (LM3130.52), kif jidher mill-imsemmi prospett Dok B. Ma dawn jizdiedu l-ispejjez tal-kawza huma Lm143.28, li maghhom jizdied il-VAT fuq drittijiet ta' Lm19.62. L-ammont shih dovut, b' imghax sal-10 ta' Marzu 2005, ghalhekk, jammonta ghal tlett elef mitejn tlieta u disghin lira u tnejn u erbghin centezmu (LM3293.42).

Illi Dr Philip Attard Montalto LLD miet fit-13 ta' Novembru 2003, (Dok "C") u r-rikorrenti huma l-unici eredi tieghu, kif jidher mill-estratt tal-ahhar testment (unica carta) tieghu li hu anness ma dan ir-rikors bhala "Dok D".

Illi r-rikorrenti ghandhom interess illi jesegwixxu s-sentenza msemmija;

Illi *stante* li miet Dr Philip Attard Montalto, u ghaddew ‘il fuq minn hames snin mill-imsemmija sentenza, ir-rikorrenti ghandhom bzonn il-permess tal-Qorti biex jipprocedu *in via* ezekuttiva kontra l-intimat, skond l-Artikoli 258 u 259 tal-Kap 12.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu illi din l-Onorabbli Qorti tawtorizzahom sabiex jipprocedu ezekuttivament kontra l-intimat ghar-ragunijiet premessi, ghas-somma ta’ elfejn u wiehed u erbghin Lira u erba u erbghin centezmi (LM2041.44) u ghall-imghax bir-rata ta’ 8% fis-sena fuq din is-somma, mill-25 ta’ Ottubru 1994 sal-10 ta’ Marzu 2005 ta’ elf u disa u tmenin Lira u tmien centezmi (LM1089.08), u bl-imghax ulterjuri bir-rata ta’ 8% fis-sena fuq l-istess somma mill-10 ta’ Marzu 2005 sal-hlas effettiv, flimkien mal-ispejjez tal-kawza imsemmija, ta’ Lm162.90, oltre l-ispejjez ta’ din il-procedura.

Rat in-nota ta’ ammissjoni pprezentata fil-kors tas-seduta ta’ llum stess;

In vista ta’ din l-ammissjoni;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra l-Intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------